MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Numru 1254/2014

**Spettur**

**Maurice Curmi**

**VS**

**Brendan Cefai**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brendan Cefai ta’ 20 sena, bin John u Rita nee’ Mifsud, mwieled Pieta’ fid-29 ta’ April 1994, residenti Casa Redeemer, Triq Gharram, Zebbug u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 201194M;

> Talli fit-12 ta’ Awwissu 2014 ghall-habta tat-8.30pm fi Triq Annetto Caruana San Pawl il-Bahar, volontarjament ghamel hsara ta’ mhux aktar minn €2,500, izda izjed minn €250, fuq vettura tal-ghamla Smart bin-numru tar-registrazzjoni EBO 968 ghad-detriment ta’ Jessica Micallef, detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 77793M;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat, fil-mori tal-kawza, hallas ghas-saldu d-danni li ghamel fuq il-vettura tal-parti leza, u talab skuza lill-istess parti leza ghall-ghemil tieghu;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------